**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**
**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 27 ta' Frar 2018**

Rikors Guramentat Nru. 47 / 15RGM

Kawza fil-lista: 6

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici zzewwget lil C D nhar id-9 ta' Mejju 1997 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg ta' bejn il-kontenendenti;

2. Illi miz-zwieg taghhom huma kellhom tifel li jismu E li twieled nhar it-30 ta' Gunju 2002;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo tat-22 ta'April 2013;

4. Illi ghalkemm il-partijiet ftiehmu fuq separazzjoni bonarja, li t-tifel E iqatta mill-4.00pm kull nhar ta' Erbgha sal-Hamis fis-6.30am, kif ukoll is-Sibt mis-2.00pm sat-Tnejn fis-6.30am u dan kif jirrizulta fil-klawsola 2(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo datat it-22 ta'April 2013, l-attrici tinsab preokkupata li t-tifel jinsab f'sitwazzjoni fejn tul l-access tieghu ta' kull gimgha, l-konvenut qieghed ixewwex lill-ibnu kontra l-mittenti u qieghed ihalli lill-ibnu jaghmel li jrid, b'mod li qieghed jipprova b'mod jew iehor jimmanipula lill-ibnu kontra ommu stess, u fejn certament dan mhuwiex agir ghall-ahjar ghat-

tifel, imma anzi huwa agir infantili u vendikattiv li qieghed ihalli effetti negattivi fuq it-tifel stess u fuq l-edukazzjoni tat-tifel stess;

5. Illi oltre hekk, meta t-tifel ikollu avvenimenti extra-kurrikulari (ezempju Scouts) fl-istess granet ta' meta jkollu access C D, huwa ma jhallix lill-ibnu jattendi, u dan b'mod inspjegabbli u b'ragunament egoistiku u mhux fl-ahjar interess tat-tifel, u dan kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza;

6. Illi ghandu ukoll jigi rilevat li l-konvenut qieghed idahhal f'mohh it-tifel illi fil-jum illi l-minuri ser jircievi s-sagrament tal-grizma ta' l-isqof, l-omm m'ghandix tkun parti u bl-ebda mod ma tattendi ghal funzjoni fil-knisja. Dan id-diskors lanqas biss m'ghandu jinghad lill-minuri ahseb u ara kemm ghandu jkun hemm makkinazzjoni shiha minn naha tal-missier sabiex il-minuri jirrifjuta l-prezenza ta' l-omm waqt okkazjoni hekk importanti fil-hajja tieghu;

7. Illi oltre hekk, it-tifel lanqas ma ghandu ebda privatezza fid-dar tal-konvenut C D, fejn ma hemmx bieb fil-kamra tal-banju, u fejn il-minuri jorqod fl-istess kamra ma' missieru, liema haga m'hijiex ideonja u korretta meta si trattiamo ta' tifel li qieghed fl-istadju ta' puberta';

8. Illi l-aktar haga illi qed tinkwieta lill-attrici omm hija illi meta l-minuri jirritorna d-dar wara l-access mal-missier, ikun mahkum minn frustrazzjoni u insigurta' li jbiddlu totalment l-agir u l-karattru tal-minuri. Dan l-agir ma kienx okkazjoni ta' darba, kull darba illi l-minuri jirritorna d-dar jidher car li jkun iddisturbat u konfuz u l-attrici trid taghmel l-almu taghha kollu sabiex jirnexxiela terga' tirrasserena lill-minuri, u terga' tnissel fih dak is-sens ta' sigurta' u mhabba li omm hija kapaci taghti lil binha;

9. Illi l-attrici hija disposta li child psychologist tezarnina x'inhu l-ahjar ghat-tifel fic-cirkostanzi;

10. Illi l-attrici thoss li t-tifel ghandu jqatta' iktar hin id-dar mar-rikorrenti specjalment fil-perjodu tas-sena skolastika ghaliex l-insigurta' u s-sens ta' konfuzjoni li qed jesperjenza il-minuri qieghed ifixkel lill-istess minuri fl-istudji tieghu. L-attrici bl-ebda mod ma trid tnaqqas l-access tal-missier, izda hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi ikun aktar idoneju illi jkun hemm access ta' tliet sieghat darbtejn fil-gimgha, u fi tmiem il-gimgha access ta' erbgha u ghoxrin siegha (li jinkludi fih sleep over);

11. Illi aktar minn hekk, jekk wiehed jaqra l-klawsola numru 2(x)(a) tal-kuntratt ta' separazzjoni, jifhem illi wara li jsiru l-konteggi kif stipulat fl-indlikat kuntratt, l-manteniment illi l-konvenut qieghed jivversa lill-attrici ghal minuri huwa ta' ghoxrin ewro biss mensilment. Ir-rikorrenti thalli f'idejn il-gudizzju ta'

din il-Qorti dwar jekk ghoxrin ewro pagabbli kull xahar huwiex manteniment xieraq li qed jithallas minn missier li jippercepixxi dhul konsiderevoli;

12. Illi bir-rispett klollu, il-klawsola numru 2(x)(a) rigwardanti l-hlas ta' manteniment tal-minuri ma taghmilx sens b'dan illi l-manteniment huwa dejjem pagabbli lil dik il-parti li maghha/mieghu jkun qieghed jirrisjedi l-minuri. Fil-kaz odjern, il-minuri jirrisjedi mal-omm u l-konvenut ghandu access ghall-minuri u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt senjatament klawsola 2(iv);

13. Illi fil-25 ta' Settembru 2014 l-attrici intavolat talba ghal-medjazzjoni, liema medjazzjoni nghalqet ghaliex ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet. Illi ghalhekk l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza. Illi kopja tad-digriet jinsab hawn anness bhala Dok JX4;

Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tappunta avukat tat-tfal sabiex ihares l-ahjar interessi tat-tifel minuri E f'dawn il-proceduri;

2. Jiddikjara u tiddecidi illi jezisti bdil ta' cirkostanzi li jiggustifika l-varjazzjoni mitluba fir-rigward ta' access illi ghandu jkollu l-missier ghal minuri E D, kif ukoll awment fil-manteniment li l-konvenut huwa obbligat ihallas ghal minuri;

3. Tordna illi l-klawsola numru 2(iv) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo tat-12 ta' April 2013 tigi emendata b'dan illi tkun tirrifletti l-varjazzjoni mitluba fil-modalita' tal-access li l-konvenut ghandu jkollu ghal minuri E;

4. Tillikwida manteniment xieraq illi ghandu jithallas mill-konvenut lir-rikorrenti ghal minuri E D sa tmintax il-sena, u/jew sakemm il-minuri jaghlaq 23 sena f'kaz li jkompli bl-istudji tieghu 'full time';

5. Tordna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata;

6. F'kaz li tigi milqugha r-raba' talba, tordna li tigi emendata l-klawsola numru 2(x) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo tat-22 ta' April 2013, b'dan illi tkun tirrifletti z-zieda fil-manteniment pagabbli mill-konvenut ghal ibnu E D u jigi mhassar l-manteniment dovut mill-attrici omm lill-konvenut ghall-istess minuri;

u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkcostanzi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-disgha ta' Mejju elf disa' mija sebgha u disghin (09/05/l997) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, E D, illi llum ghandu tnax-il sena;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dottor Henri Vassallo datat tnejn u ghoxrin ta' April elfejn u tlettax (22.04.2013);

3. Illi primarjament jinghad illi l-esponent jichad kategorikament l-allegazzjonijiet tal-attrici illi jsostni illi huma infondati u intempestivi u jservu biss biex jivvessaw lill-esponent;

4. Illi in oltre jinghad illi l-partijiet ilhom separati biss ftit iktar minn sentejn (2) u mid-data tal-istess separazzjoni, ma kien hemm ebda bdil fic-cirkostanza tal-partijiet jew tal-minuri li b'xi mod jiggustifikaw it-talbiet ta' l-attrici;

5. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, gie miftiehem illi l-esponent ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Erbgha mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) sa l-ghada 1-Hamis fis-sitta u nofs ta' filghodu (6.30am) fejn l-esponent iwassal l-minuri l-iskola. In oltre, hemm access ulterjuri mis-Sibt fis-saghtejn ta' wara nofsinhar sat-Tnejn ta' wara fis-sitta u nofs ta' filghodu, fejn l-esponent iwassal lill-minuri l-iskola;

6. Illi ghalkemm l-attrici tishaq illi l-minuri jigi lura mill-access ‘mahkum minn frustrazzjoni u insigurta' li jbiddlu totalment l-agir u l-karattru tal-minuri, tajjeb jinghad illi ottre l-hinijiet tal-access stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni kif elenkati fil-paragrafu precedenti, kienet l-attrici stess illi talbet lill-esponent jibda jiehu l-minuri fis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30pm) ghall-access kull nhar ta' Erbgha minflok fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm) kif mnizzel fil-kuntratt, u dan sabiex jakkomoda l-esigenzi tar-rikorrenti, liema access ulterjuri ilu jigi ezercitat ghal dawn l-ahhar snin;

7. Illi in oltre, fuq talba tal-attrici stess, sa sena ilu, l-esponent kien jezercita l-access ghall-minuri ghal gurnata adizzjonali mill-access miftiehem fil-kuntratt, u cioe` mill-Gimgha wara nofsinhar sat-Tnejn filghodu fejn l-esponent kien iwasslu l-iskola;

8. Illi ghalkemm l-attrici tichad illi l-esponent jghawwi lill-minuri kontra ommu, l-attrici l-esponent jichad dawn l-allegazzjonijiet kategorikament. F'dan ir-rigward, tajjeb jinghad illi ikun hemm diversi drabi fejn il-minuri jilmenta mal-esponent fir-rigward tal-agir tal-omm stess u l-partner taghha, izda l-esponent jaghmel l-almu tieghu biex jevita konfronti halli ma johloqx dizgwidi bejn il-partijiet;

9. Illi l-esponent jichad illi huwa jtellef lill-minuri milli jattendi ghall-attivitajiet extrakurrikuluri. Tajjeb jinghad illi l-esponent ma xtaqx illi l-minuri jibda attivitajiet godda, stante l-fatt illi l-minuri kien diga jattendi ghall-lezzjonijiet tal-accordian, l-lezzjonijiet tal-pjanu, kif ukoll l-muzew. Tali allegazzjoni hija nfundata tant illi meta l-minuri kien ghadu jattendi l-lezzjonijiet tal-muzew, kien ikun l-esponent stess illi kien iwassal ghall-istess lezzjonijiet tal-muzew u instrumenti;

10. Illi fir-rigward tas-sagrament tal-Grizma tal-Isqof tal-minuri, a kuntrarju ta' dak li qalet ir-rikorrenti, l-esponent hass illi jkun fl-ahjar interess tal-rninuri illi ghall-istess funzjoni jattendu biss ir-rikorrenti u l-esponent bhala l-genituri tal-minuri, minghajr il-prezenza ta' terzi persuni u dan specjalment in vista tal-fatt illi l-minuri ta' spiss informa lill-missier illi ma jhossux komdu meta r-rikorrenti tinsisti li tiehu l-partner taghha ghal okkazjonijiet simili meta diga jkun hemm iz-zewg genituri prezenti;

11. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-esponent u l-minuri jorqdu fl-istess kamra meta jkun hemm sleepovers fir-residenza tal-esponent, tajjeb jinghad illi l-appartament fejn jirrisjedi l-missier, l-esponent, ghandu zewg kmamar tas-sodda, lkoll fully-furnished. Illi naturalment, l-esponent normalment jorqod fil-kamra tieghu, pero` meta l-minuri jkollu sleepovers fir-residenza tal-missier, huwa l-istess minuri illi jinsisti illi l-esponent jorqod fil-kamra mieghu, senjatament go bunk-bed separata;

12. Illi l-esponent jichad kategorikament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi b'xi mod il-minuri jkun frustrat, imdejjaq jew ossia konfuz kif qed tallega r-rikorrenti stante l-fatt illi dan assolutament m'huwiex minnu;

13. Illi l-esponent m'ghandu ebda oggezzjoni illi l-minuri jitkellem ma' child psychologist sakemm l-Qorti thoss l-htiega li taghmel dan fl-ahjar interess tal-minuri;

14. Illi ghalkemm ir-rikorrenti tishaq illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-minuri jqatta' iktar hin maghha, dan naturalment jfisser illi jonqos l-hin tat-access favur il-missier liema hin huwa tassew ghaziz ghalih. Dan bl-ebda mod ma jista jkun fl-ahjar interess tal-minuri u in oltre jinghad illi ma kien hemm ebda bdil fic-

cirkostanzi tal-partijiet jew tal-minuri li jimmeritaw tali tnaqqas fil-hin tal-access tal-esponent versu l-minuri;

15. Illi fir-rigward tal-manteniment, stante l-fatt illi minuri kien qieghed iqatta hin sostanzjali mal-missier, kien bi qbil bejn il-partijiet illi gie miftiehem il-manteniment patwit il-kuntratt surriferit. Jinghad illi l-modalita giet miftehma b'dan il-mod biss minhabba l-fatt illi l-minuri kien ser iqattgha hin simili maz-zewg genituri. F'dan il-kaz ukoll tajjeb jinghad illi rna kien hemm ebda bdil fic-cirkostanzi li jista jwassal ghal varjazzjoni ta' manteniment pagabbli versu l-attrici ghall-minuri;

16. Illi relatat ma' dan, tajjeb jinghad illi meta l-minuri jkun mal-missier, l-esponent, huwa jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu kollha, fosthom ikel, lunches, toiletries, hwejjeg, ecc, b’mod illi l-minuri ma jkun jonqsu xejn waqt li jkun mal-missier;

17. Illi dawn il-fatti l-esponent jaf bihom personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Fir-rigward ta’ l-ewwel talba, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti:

2. Tichad it-tieni talba attrici;

3. Tichad it-tielet talba attrici;

4. Tichad ir-raba' talba attrici;

5. Tichad il-hames talba attlici;

6. Tichad is-sitt talba attrici;

Salv risposti ulterjuri.

Rat id-Digriet taghha moghti waqt l-udjenza tat-18 ta’ Gunju 2015 fejn hatret lill-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jigbor il-provi;

Rat id-Digriet taghha moghti fl-udjenza tat-28 ta’ Frar 2017 fejn innominat, a spejjez provvizorjament taz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom, lil Psikologa Carmen Sammut sabiex tassisti liz-zewg partijiet jaghrfu jaqdu r-rwol taghhom bhala genituri ta’ tifel komuni in segwitu ghas-separazzjoni personali

taghhom, u tassisti wkoll lill-minuri f'dan l-episodju minn hajtu u tidentifika jekk hemmx htiega ta' terapija;

Rat id-Digriet taghha tat-18 ta' Mejju 2017 fejn awtorizzat lill-istess Psikologa Carmen Sammut tipprepara rapport dwar l-inkarigu lilha moghti u dan a spejjez provvizorjament taz-zewg partijiet f'sehem indaqs;

Rat ir-Rapport ipprezentat mill-Psikologa Klinika Carmen Sammut fl-1 ta' Gunju 2017;

Rat id-Digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2017 fejn, in vista tar-rapport tal-Psikologa Klinika Carmen Sammut tal-1 ta' Gunju 2017, mahluf fid-19 ta' Gunju 2017, idderigiet lill-partijiet sabiex isegwu r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport maghmula tenut kont l-eta` tal-minuri u x-xewqat tieghu;

Rat l-atti u x-xhieda kollha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

**L-attrici A B** xehdet permezz ta' zewg affidavits[1] u xehdet ulterjorment quddiem l-Assistent Gudizzjarju[2], kif ukoll quddiem il-Qorti[3], inkluz in kontro-ezami.

**Il-konvenut C D** ukoll xehed permezz ta' Affidavit[4] kif ukoll in ezami u kontro-ezami quddiem l-Assistent Gudizzjarju[5], u anke quddiem il-Qorti.

Il-Qorti rat id-dokumenti voluminuzi ezebiti mill-partijiet u l-Affidavit ta' John Zammit prodott mill-konvenut, filwaqt li semghet ix-xhieda tal-Psikologa Klinika Carmen Sammut kif ukoll lill-minuri *in camera* fit-18 ta' Mejju 2017.

Ikkunsidrat;

**Azzjoni Attrici**.

---

[1] Dok. JX5 a fol. 77 *et seq*., u Dok. JX6 a fol. 85 *et seq*.
[2] Seduta tas-26 ta' Mejju 2016.
[3] Seduta tal-25 ta' Jannar 2017 u 8 ta' Novembru 2017.
[4] Fol. 105 *et seq*.
[5] Seduta tal-11 ta' Mejju 2016, 21 ta' Novembru 2016 u 12 ta' Dicembru 2016.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob il-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali konkluz ma' zewgha l-konvenut fit-12 ta' April 2013 in atti tan-Nutar Dr. Henri Vassallo. Din il-varjazzjoni qed tintalab f'dak li jirrigwarda l-modalitajiet stabbiliti ghall-ezercizzju ta' l-access li ghandu jezercita l-konvenut ghal bin il-minuri tal-partijiet, E, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-manteniment iffissat fl-istess kuntratt li ghandhom ihallsu l-partijiet reciprokalment ghall-istess binhom minuri.

L-attrici issejjes it-talbiet taghha fuq l-agir tal-konvenut li hija tiddeskrivi bhala infantili u pikuz li qed irawwem ukoll biza' u frustrazzjoni, kif ukoll jaghmel hsara psikologika, lill-minuri. Skont l-istess attrici, dawn ic-cirkostanzi, maghdud maghhom l-impenni edukattivi tal-minuri li llum ghandu hmistax-il sena, jinnecessita l-varjazzjoni ossia tnaqqis fil-hin ta' l-access tal-konvenut ghal ibnu. Tghid li hija lesta ssegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' *child psychologist* biex isir dak li jkun fl-ahjar interess tal-minuri.

In kwantu ghall-manteniment, l-attrici ssostni illi ghalkemm il-partijiet kienu ftiehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni li ghandhom ihallsu manteniment lil xulxin ghall-bzonnijiet tal-minuri, ghaliex il-hsieb taghhom dak iz-zmien kien illi l-minuri jqatta' hin indaqs maz-zewg genituri, ic-cirkostanzi zvolgew b'mod illi fil-prezent, il-minuri jqatta' biss ftit sighat fil-gimgha ma' missieru bir-rizultat illi d-differenza ta' 20 Euro a favur taghha fil-hlas reciproku ta' manteniment, ma jista' qatt jitqies bhala ammont adegwat in linea ta'sehem il-konvenut tal-manteniment ta' binhom minuri.

Il-konvenut da parti tieghu, jichad katergorikament l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attrici rigward il-komportament tieghu mal-minuri kif dirett lejn l-attrici. Ghalkemm jaqbel li jigi konsultat *child psychologist* jekk dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri, jishaq illi huwa dejjem jaghmel minn kollox biex jakkomoda lil ibnu u jichad li l-minuri jkun imdejjaq jew konfuz meta jkun mieghu. Fir-rigward tat-talba dwar iz-zieda fil-manteniment, il-konvenut jaqbel illi l-partijiet kienu qablu li l-manteniment kellu jithallas reciprokalment b'€20 biss differenza a favur l-attrici, ghaliex l-animu tan-negozjati bejniethom fiz-zmien tal-konkluzjoni tal-kuntratt kien fis-sens illi l-minuri kien sejjer ikun iqatta' hin ugwali ma' entrambi l-genituri.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici titlob il-varjazzjoni, ghar-ragunijiet fuq imfissra, tal-klawsola 2 sub-paragrafu (iv) u tal-klawsola 2 sub-paragrafu (x)(a), tal-kuntratt ta' separazzjoni konkluz bejniethom fit-12 ta' April 2013[6]:-

Il-parti relevanti mill-klawsola 2 sub-paragrafu (iv) tiddisponi hekk:-

*Unless otherwise agreed by the Parties or ordered by the competent court, and once the parties will no longer reside in the matrimonial home, the Husband shall have access to the minor child every Wednesday from four o'clock in the afternoon (4pm) till Thursday at half past six in the morning (6.30am) and every Saturday from two o'clock in the afternoon (2pm) till Monday at half past six in the morning (6.30am).*

Il-klawsola 2 subparagrafu (x)(a) tistipola s-segwenti:-

*With regards to maintenance for their minor child, the Wife binds herself to pay unto the Husband the sum of two hundred and thirty Euro (Eur. 230) per month due on the third day of each month for those dates when E is residing with the Husband, whilst the Husband binds himself to pay unto the Wife the sum o two hundred and fifty euro (Eur. 250) per month, due on the third day of each month for those days when E is residing with the Wife. Such maintenance arrangement shall remain due till E reaches twenty three years of age provided that he is a full-time student who is still spending an equal amount of time with either parent as described in clause 2(iv) above. Should E's living arrangements or access times change with the result that he spends more time with one parent, then the parties agree to apply to the Civil Court (Family Section) with regard to their maintenance obligations.*

Il-Qorti thoss li huwa relevanti wkoll dak li tipprovdi l-klawsoli enumerati 2(x)(b) u 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni, fejn gie pattwit, in sostanza, illi in kwantu spejjez ordinarji, meta l-minuri jkun taht il-kustodja effettiva ta' xi wiehed mill-genituri, dik il-parti hija obbligata tipprovdi hija stess ghall-htigijiet ordinarji tal-minuri, inkluz ikel u hwejjeg.

Fir-rigward ta' spejjez medici, il-partijiet qablu li filwaqt li ghandha tinzamm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni fuq is-sahha tal-minuri[7], l-ispejjez medici li huma ta' natura straordinarja, fosthom spejjez ta' dentist u specjalisti ohra li ma jkunux koperti mill-imsemmija polza ta' assigurazzjoni, jithallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet. Billi l-partijiet ma ftiehmux espressament dwar il-hlas ta' spejjez medici

[6] Dok. JX3 a fol 8 *et seq*. Spejjez biex tinzamm fis-sehh din il-polza, meta jaqbzu 100 Euro u/jew meta l-attrici ma tibqax fl-impieg korrenti taghha, jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

ordinarji, il-Qorti tifhem illi dawn jitqiesu bhala spejjez ordinarji li, bhall-ikel u hwejjeg, ghandhom jinxtraw minn dik il-parti li fil-kustodja taghha jkun il-minuri meta tinqala' l-htiega ta' dik il-medicina[8].

Il-partijiet qablu wkoll fil-kuntratt li l-mizati ta' l-iskola San Andrea fejn jattendi l-minuri, jithallsu minn xi fondi derivanti mill-bejgh tad-dar matrimonjali taghhom u li gew depozitati f'kont bankarju f'isimhom kongunt, imwaqqaf appozitament ghall-hlas ta' dawn il-mizati. In kwantu ghall-hlas ta' spejjez ohra edukattivi tal-minuri, fosthom uniformijiet ta' l-iskola, kotba, stationary, mizati ta' ezamijiet u lezzjonijiet privati, dawn jithallsu bejn il-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom.

**<u>Access tal-Missier ghall-Minuri</u>**

Ikkunsidrat;

Illi llum it-tifel minuri tal-partijiet, E, huwa adolexxenti ta' hmistax-il sena li jinsab f'perijodu dinamika ta' hajtu li huwa generalment assocjat ma' diffikoltajiet li jgib mieghu it-tibdil fl-ormoni, fosthom fl-espressjoni ta' emozzjonijiet, kif ukoll mal-piz mizjud ta' studju u ezamijiet li l-minuri jkollhom jerfghu wkoll f'dan l-istess perijodu. Il-Qorti tifhem ghalhekk illi f'din l-eta` delikata, fejn il-minuri jhoss il-htiega li jkollu l-ispazju tieghu, il-piz mizjud ta' tensjoni fir-relazzjonijiet bejn il-genituri, partikolarment fil-qafas ta' separazzjoni personali, jaf isarraf f'iktar ansjeta`, frustrazzjoni u nuqqas ta' konfidenza ghall-minuri. Huwa ghalhekk imperattiv illi l-genituri jridu jkunu disposti u kapaci jadattaw ruhhom ghall-esigenzi attwali u cirkostanzi differenti li jizvolgu kontinwament fil-hajja ta' minuri ta' din l-eta` u, f'kaz ta' genituri separati, jifhmu ulterjorment il-htiega ta' tibdiliet fl-ezercizzju ta' l-access appuntu minhabba dan l-episodju partikolari fil-hajja ta' wliedhom.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti f'din il-kawza, jispikka hafna l-isfond akrimonjuz tar-relazzjoni difficli li tezisti bejn iz-zewg genituri, fejn il-komunikazzjoni bejniethom hija inezistenti hlief ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri u anke f'dan il-kaz, il-komunikazzjoni hija limitata biss ghal skambji ta' *emails* u xejn iktar. Jidher li din il-komunikazzjoni batuta spiss kienet issarraf f'sors ta' litigji[9] minhabba nuqqas ta' twegibiet u nuqqas ta' informazzjoni, fosthom rigward ezamijiet ta' l-iskola, impenni extra-kurrikulari tal-minuri u varjazzjonijiet ta'

---

[8] Dan jinsab konfortat mix-xhieda tal-partijiet.
[9] Ic-cirkostanzi relevanti gew ampjament dettaljati mill-partijiet fl-Affidavits u depozizzjonijiet rispettivi taghhom.

hinijiet jew granet ta’ l-access. Dawn ic-cirkostanzi ma setghux hlief iwasslu, kif effettivament gie konstatat li wasslu, ghal certu grad ta’ frustrazzjoni u konfuzjoni fil-minuri li, bla dubju, spicca jbati l-effetti tal-problemi riskontrati mill-genituri tieghu f’kull haga koncernanti lilu.

Jirrizulta illi d-diffikoltajiet fir-relazzjoni bejn il-partijiet wasslu wkoll biex eventwalment gie merfugh mill-minuri, u mhux minghajr element ta’ ansjeta` u insigurta`, xi ftit jew wisq mir-responsabbilita` biex jorganizza huwa stess ma’ missieru direttament l-ezercizzju ta’ l-access.

Kien appuntu f’dan il-qafas li l-Qorti hasset il-htiega li tappunta lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut biex tassisti lill-partijiet fid-diffikoltajiet riskontrati minnhom fl-gharfien tax-xewqat u ta’ dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri, specjalment fil-qasam ta’ l-ezercizzju ta’ l-access da parti tal-konvenut. Dan minhabba l-impenji tal-minuri, kif ukoll biex tassisti lill-minuri f’dan l-episodju ta’ hajtu tenut kont ta’ l-ambjent negattiv bejn iz-zewg genituri fil-materji koncernanti lilu.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni ta’ l-osservazzjonijiet maghmula mill-esperta psikologika fir-rapport taghha, u tax-xewqat tal-minuri kif espressi wkoll minnu direttament lill-Qorti *in camera*. L-istess esperta psikologa osservat illi fil-mori tal-kawza kien hemm titjib generali fil-komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-minuri rigward l-ezercizzju ta’ l-access, b’mod li r-rejazzjonijiet ghall-varjazzjonijiet jew thassir ta’ l-access, naqsu konsiderevolment. Ikkonfermat ukoll illi l-minuri huwa matur u responsabbli ghall-eta` tieghu u huwa ben kapaci jfassal id-dettalji ta’ l-arrangamenti ta’ l-access ma’ missieru huwa stess, ghalkemm sahqet illi huwa imperattiv li l-minuri jinghata l-liberta` u l-permess li jista’ jikkoordina direttament l-access hu minghajr ma jhoss li b’hekk ser jinqala’ d-dizgwid[10].

L-istess psikologa klinika irrakkomandat ukoll li jsiru sessjonijiet ta’ terapija ghall-partijiet bhala genituri, anke jekk mhux flimkien, bil-ghan li s-success li ntlahaq bis-sessjonijiet li diga` saru fil-qafas ta’ dawn il-proceduri, ikompli jissahhah anke wara l-eghluq ta’ dan il-process gudizzjarju.

Ikkunsidrat;

Illi jidher li fil-mori ta’ din il-kawza gie rizolt hafna mid-dizgwid u diffikoltajiet f’dak li jirrigwarda l-ezercizzju ta’ l-access tal-konvenut ghal ibnu. Dan l-izvolgiment pjuttost pozittiv fic-cirkostanzi ta’ l-access li jezercita l-konvenut

---

[10] Ara xhieda ta’ Carmen Sammut fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2017, fol. 185.

ghal ibnu, gie konfermat ukoll miz-zewg partijiet infushom. Essenzjalment, minhabba l-impenni ta' studju ta' l-istess minuri li s-sena d-diehla huwa mistenni li jaghti ezamijiet tal-livell ordinarju ('O' Level), dak li gara fil-prattika huwa li l-access tal-konvenut ghal ibnu tnaqqas billi ma baqax jinsisti li jezercita l-access tieghu ta' fost il-gimgha. Minflok, l-access beda jigi ezercitat, fuq bazi regolari minn gimgha ghal gimgha, fil-weekend mis-Sibt fis-2.00 p.m. sal-Hadd filghaxija, b'komunikazzjoni diretta kif ukoll element tajjeb ta' flessibilita`, bejn il-minuri u missieru dwar varjazzjonijiet fil-hinijiet jew granet ta' l-access skont ix-xewqat jew esigenzi tal-minuri. Ghalhekk, jidher li l-problemi f'dan il-qasam gew, fil-bicca l-kbira taghhom sorvolati stante illi l-access qed jigi koncentrat ghalhekk fi tmiem il-gimgha, u qed jigi ezercitat mill-missier skont ix-xewqat u l-htigijiet skolastici tal-minuri.

Mill-premess, kif ukoll mid-depozizzjoni taz-zewg partijiet moghtija fis-seduti tal-25 ta' Jannar 2017 u fit-8 ta' Novembru 2017 rispettivament, il-Qorti tirrikonoxxi illi talanqas fil-prezent, il-partijiet gharfu jimxu skont l-esigenzi ta' l-ahjar interess tal-minuri kif ukoll skont ix-xewqat tieghu stess, li huma motivati l-iktar mill-fattur tal-impenn ta' studju li ghandu fil-prezent. Jirrizulta wkoll illi l-partijiet jinsabu sodisfatti b'dan l-arrangament baziku ta' l-access billi jakkomoda x-xewqat u l-htigijiet edukattivi tal-minuri oltre li huwa wkoll flessibbli. Il-konvenut innifsu jistqarr illi llum is-sitwazzjoni ta' l-access huwa ahjar milli kien minkejja l-fatt illi fil-prattika, l-access tieghu huwa iktar limitat milli gie pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, u l-Qorti tifhem illi din l-accettazzjoni tal-konvenut hija msejsa fuq l-gharfien li llum, anke jekk l-access mhux qed jigi ezercitat bil-frekwenza ta' qabel, dan qed isir fuq xewqa tal-minuri stess minhabba impenni manifesti, u mhux minhabba l-intervent ta' l-attrici. Il-Qorti tosserva wkoll illi mix-xhieda ta' l-istess konvenut jirrizulta illi fis-sajf li ghadda, il-minuri qatta' diversi granet successivi ma' missieru skont il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet bil-kuntintezza ta' l-istess minuri.

Il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-attrici ma hijiex ta' ostakolu ghall-ezercizzju ta' l-access tal-konvenut ghal ibnu, anzi tinkoraggixxi l-access. Jirrizulta evidenti illi l-intervent taghha fil-passat dwar l-ezercizzju o meno ta' l-access kien motivat pjuttost minn thassib matern dwar l-iskarigg li kien qed igib mieghu l-ezercizzju ta' l-access fost il-gimgha, minhabba l-attivitajiet extra-kurrikurali u edukattivi tal-minuri.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci**, fejn fir-rigward tad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' l-ezercizzju ta' access ghal minuri, gie dikjarat is-segwenti:-

*"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda l-obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' omma u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htiegijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabbilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibli.*"

Fil-fehma tal-Qorti dan l-insenjament japplika perfettament ghall-kaz odjern.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-Qorti tifhem illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jehtieg li l-minuri jkollu l-liberta` li jikkoordina l-access direttament mal-missier, mhux ghaliex jehtieg hekk minhabba l-komuikazzjoni hazina bejn il-genituri, izda ghaliex il-genituri jifhmu li din hija x-xewqa tal-minuri. Il-Qorti hija sodisfatta illi llum il-partijiet gharfu din il-htiega li l-minuri jinghata iktar liberta` li jikkuntattja lil wiehed mill-genituri anke meta jkun mal-genitur l-iehor. Fl-istess waqt, tqis li xorta wahda jibqa' l-bzonn li z-zewg partijiet <u>jibqghu jikkomunikaw bejniethom</u> dwar l-istruttura ta' l-access tenut kont tal-htigijiet tal-minuri, izda tenut kont ta' l-eta` tal-minuri, jenhtieg, f'kull kaz, <u>l-intervent attiv tieghu</u> dwar kif iqatta' l-hin tieghu minghajr ma jhoss li jkun qed jipprovoka reazzjonijiet mhux mixtieqa da parti ta' xi hadd mill-genituri.

Mehud kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha fuq riportati, l-Qorti hija tal-fehma li l-access tal-konvenut ghal ibnu ghandu jsir dejjem [i] bi ftehim ma' l-istess minuri biex jinzamm l-element tal-flessibilita` tant mehtieg fic-cirkostanzi, kif ukoll [ii] fil-qafas ta' access regolat, liema regolamentazzjoni hija mehtiega mhux biss minhabba d-diffikolta` tal-komunikazzjoni bejn il-genituri, izda wkoll ghaliex qatt m'hu xieraq li l-arrangamenti ghall-access isiru mal-minuri direttament u esklussivament. Ghaldaqstant, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi filwaqt li l-access tal-konvenut ghal ibnu f'kull kaz ghandu jigi ezercitat liberament bi ftehim bejn l-istess konvenut u l-minuri, irid ikun hemm qafas baziku biex iservi ta' gwida biex l-access jigi ezercitat b'mod strutturat.

Tqis ghalhekk illi l-access pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' April 2013 ghandu jigi varjat b'mod li l-konvenut ghandu dritt ta' access liberu ghall-minuri li ghandu jigi ezercitat kif u meta jigi miftiehem bejn l-istess konvenut u l-minuri, fi tmiem il-gimgha bejn is-Sibt u l-Hadd. Matul il-gimgha u fil-btajjel ta' l-iskola, l-access jigi ezercitat liberament skont kif miftiehem bejn il-konvenut u l-minuri.

Tiddeciedi ghalhekk illi l-ewwel parti mill-klawsola numru 2(iv) tal-kuntratt tat-12 ta' April 2013 ghandha tigi kancellata u sostitwita bil-klawsola segwenti:

"*The Husband shall have access to the Minor Child from Saturday at 2.00 p.m. until Sunday at 8.00 p.m. Such access shall be exercised freely by the Husband upon agreement with the Minor Child. During the week and on school and other holidays, access of the Husband to the Minor Child shall be exercised freely upon agreement between said Husband and the Minor Child.*"

L-istipulazzjonijiet fl-istess klawsola 2(iv) dwar l-access tal-konvenut fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena ghandhom jibqghu invarjati.

Il-Qorti tappunta wkoll lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut (jew psikologu iehor nominat mill-Qorti f'kaz li jirrizulta li Carmen Sammut ma tistax jew ma tkunx f'pozizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu) sabiex izzomm sessjonijiet ta' terapija ghaz-zewg partijiet, anke separatament, bil-modalita` li tistabbilxxi l-istess psikologa. Tordna lill-partijiet biex jattendu ghal dawn is-sessjonijiet, li huma intizi biex il-partijiet ikomplu jaghrfu jaqdu r-rwol taghhom bhala genituri tal-minuri fil-qafas tas-separazzjoni personali taghhom. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez tas-sessjonijiet taghha.

**<u>Manteniment tal-Minuri</u>**

Ikkunsidrat;

L-attrici qieghda titlob il-varjazzjoni tal-manteniment bonarjament pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni sabiex jirrispekkja arrangement dwar access tal-minuri li prattikament kien isarraf f'sistema fejn, gimgha b'gimgha, il-minuri kellu jqatta' kwazi nofs il-granet mal-konvenut missieru u l-bqija ma' ommu. F'dan il-qafas, il-manteniment kellu jithallas reciprokalment bejn il-partijiet in kwantu ghas-somma ta' €250 mill-konvenut lill-attrici, u s-somma ta' €230 mill-attrici lill-konvenut, b'differenza a favur ta' l-attrici ta' €20 fix-xahar. Fl-istess waqt, il-partijiet ftiehmu fil-kuntratt illi l-ispejjez tal-bzonnijiet ordinarji tal-minuri, fosthom ikel, hwejjeg u medicina li jinhtiegu waqt li l-minuri jkun fil-kustodja effettiva ta' wiehed mill-genituri, jithallsu minn dak il-genitur, bl-intendiment li l-minuri jsib dak kollu li jehtieg fir-residenza ta' kull wiehed mill-genituri tieghu minghajr il-htiega ta' skaricc zejjed ta' l-affarijiet bazici. Ghall-bqija, il-partijiet ftiehmu li jhallsu b'mod indaqs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni kif ukoll spejjez medici straordinarji mhux koperti mill-polza ta' assigurazzjoni fuq is-sahha tal-minuri li huma qablu li jzommu fis-sehh.

Huwa manifest illi din s-sistema tal-hlas tal-manteniment giet pattwita b'mod li tirrispekkja l-ugwaljanza bejn il-genituri f'dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-minuri, senjatament it-tqassim ugwali taz-zmien li l-minuri kellu jqatta' mal-genituri tieghu. Tant hu hekk illi l-partijiet ftiehmu espressament, fil-klawsola 2(x)(a) illi f'kaz illi l-arrangamenti dwar l-access jinbidlu bir-rizultat illi l-minuri jibda jqatta' hin iktar ma' wiehed mill-genituri minflok l-iehor, iridu jigu stabbiliti l-obbligi godda rispettivi taghhom dwar il-hlas tal-manteniment ghall-minuri. L-azzjoni attrici tinkwadra ruhha fl-istipulazzjoni appena citata.

Il-Qorti tosserva illi s-sistema tal-hlas tal-manteniment pattwita fil-kuntratt ta' separazzjoni mhux biss giet implimentata mill-partijiet izda ghadha qed tigi implimentata sallum minkejja illi huwa manifest illi l-access m'huwiex qed jigi ezercitat skont kif stabbilit fil-kuntratt. In effetti, il-minuri ma jqattax, u ilu hafna zmien ma jqatta' zmien indaqs mal-genituri fuq bazi regolari. Il-partijiet infushom jaqblu illi s-sistema ta' access kontemplata mill-kuntratt ma gietx imwettqa b'success u jirrizulta mill-provi akkwiziti, illi kwazi mill-ewwel il-konvenut irriskontra diffikoltajiet fl-ezercizzju ta' l-access kif imfassal fil-kuntratt ta' separazzjoni.

In tema legali jinghad illi galadarba t-talba attrici tikkonsisti f'talba ghal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali rigward il-hlas ghall-manteniment ghall-minuri, dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*, rispekkjat fil-ligi taghna fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16.

Madanakollu, jigi osservat illi f'dan il-kaz, it-tibdil ta' patt konvenzjonali rigward il-hlas tal-manteniment ghall-minuri gie kontemplat espressament mill-kuntratt ta' separazzjoni u l-Qorti tqis illi c-cirkostanzi odjerni jiggustifikaw pjenament l-applikazzjoni tal-mekkanizmu provdut mill-istess kuntratt. Oltre dan, tosserva wkoll illi l-attrici m'hijiex qed tibbaza t-talba taghha ghall-varjazzoni tal-manteniment pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, fuq l-allegazzjoni li hija tinsab fl-impossibbilita` li thallas il-manteniment minnha dovut fis-somma ta' €230 fix-xahar, izda t-talba taghha hija msejsa fuq it-tibdil fl-arrangament dwar l-ezercizzju regolari ta' l-access ossia t-tnaqqis fil-hinijiet ta' access liema tnaqqis ma jiggustifikax iktar il-hlas ta' manteniment mill-attrici lill-konvenut kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li huma separati, issir referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**Artikolu 54**

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijit taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, imkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*

*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*
*….*
*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*
*…*
*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Kif gia` osservat, l-istipulazzjonijiet kontrattwali tal-manteniment isarrfu fl-ahhar analizi fil-hlas dovut mill-konvenut lill-attrici kull xahar, tas-somma ta' €20 ghall-manteniment tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba li llum huwa evidenti li l-minuri jqatta' fuq bazi regolari ferm iktar zmien ma' ommu fir-residenza taghha, liema residenza hija allura inevitabbilment il-bazi principali tieghu, il-manteniment kontemplat fil-kuntratt ma jistax jitqies iktar li huwa idoneu, specjalment meta issa, bis-sahha ta' din is-sentenza, l-access tal-konvenut ser jibda jigi ezercitat direttament bi ftehim mal-minuri. Lanqas l-istipulazzjoni dwar l-obbligu ta' entrambi l-partijiet li jhallsu l-ispejjez ordinarji tal-minuri meta jkun fil-kustodja rispettiva taghhom, ma tista' tissana n-nuqqasijiet f'din is-sistema tal-hlas tal-manteniment, ghaliex kif gia` kkunsidrat, l-ezercizzju ta' access ghall-minuri ta' l-eta` ta' bin il-partijiet huwa fattur varjabbli li ghandu jirrispetta u jirrispekkja il-bzonnijiet attwali u dinamici tal-minuri.

Il-Qorti hija tal-fehma illi fir-realta` tas-sitwazzjoni kurrenti tal-minuri, ma ghadux aktar mehtieg li l-attrici thallas xi forma ta' manteniment lill-konvenut ghall-minuri. Huwa prospettat illi l-minuri, talanqas sakemm ikun ghadu fil-pern ta' l-istudji sekondarji u possibbilment post-sekondarji tieghu, ser ikollu bzonn ta' bazi stabbli kif ukoll l-ispazju tieghu fejn jista' jiffoka fuq l-impenni ta' l-istudju, minghajr hafna caqliq zejjed jew sforzat. Ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti

tirrikonoxxi li l-missier jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri billi jixtri ikel, medicini u hwejjeg fejn hemm bzonn, a spejjez tieghu, huwa evidenti li l-attrici ghandha oneru ferm u ferm ikbar fir-rigward tal-ispejjez ordinarji u rikorrenti tal-minuri. Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jkun obbligat jikkontribwixxi ulterjorment ghall-ispejjez li l-omm tinkorri ghall-minuri fuq bazi rikorrenti biex il-kontribut tieghu jibda jirrispekkja c-cirkostanzi fattwali tar-residenza effettiva tal-minuri u ta’ l-access ezecitat mill-konvenut.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li mill-provi jirrizulta li l-konvenut jippercepixxi dhul nett ta’ circa €1,300 fix-xahar, l-attrici naqset milli tressaq prova dwar l-introjtu taghha u dwar l-ispejjez ordinarji li tonfoq ghall-minuri fuq bazi regolari. Madanakollu, huwa minnu wkoll illi l-ezercizzju dwar il-htigijiet tal-minuri u l-mezzi tal-partijiet diga` ghamluh fil-kuntest tal-kuntratt ta’ separazzjoni meta ftiemhu fuq il-manteniment pagabbli minnhom rispettivament ghall-minuri. Il-Qorti ma thossx li ghandha tiddipartixxi sostanzjalment mill-ftehim li diga` ghamlu l-partijiet fir-rigward, fejn gie stabbilit minnhom infushom li l-kontribut ta’ kull wahda minnhom kellu jkun fis-somma medja ta’ €240 fix-xahar f’cirkostanzi fejn il-minuri jqatta’ zmien indaqs ma’ kull wahda mill-partijiet.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza u mizmum ferm il-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, hija tal-fehma konvinta li l-obbligu tal-partijiet in kwantu jikkoncerna l-manteniment tal-minuri, ghandu jigi varjat minn dak pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni billi l-obbligu ta’ l-attrici li thallas manteniment ghall-minuri lill-konvenut, ghandu jigi mhassar.

Fl-istess waqt, il-konvenut ghandu, b'effett mill-21 ta' Mejju 2015[11], jhallas is-somma ta’ mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar lill-attrici rapprezentanti manteniment tal-minuri, liema somma tinkludi l-kontribut tieghu ghall-hwejjeg tal-minuri. Il-konvenut ma huwiex obbligat li jhallas minn din is-somma l-hwejjeg tal-minuri, izda huwa tenut li jhallas il-bzonnijiet l-ohra kollha tal-minuri li jinqalghu meta jkun fil-kustodja tieghu, inkluz spejjez medici ordinarji kif del resto stipulat mill-kuntratt. Spejjez ohrajn ta’ edukazzjoni u spejjez medici straordinarji ukoll jibqghu jithallsu kif pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

Il-Qorti tosserva wkoll illi irrispettivament mill-kunsiderazzjoni dwar il-quantum tal-manteniment, il-partijiet naqsu milli jistipulaw fil-kuntratt ta’ separazzjoni illi l-manteniment fl-interess tal-minuri jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja u dan sabiex almenu il-*purchasing power* tal-ammont pattwit jew altrimenti stabbilit, jigi protett.

---

[11] Id-data li fiha gie notifikat lill-konvenut ir-rikors guramentat promotur.

Ghalhekk il-Qorti qed tordna illi klawsola 2(x)(a) tal-kuntratt ghandha tigi emendata sabiex taqra kif gej:-

"*With regard to maintenance for their child, the Husband binds himself to pay unto the Wife the sum of two hundred and fifty Euro (€250) per month due on the 21st day of each month. Notwithstanding the provisions of clause 3 of this Deed, such maintenance shall include the Husband's contribution for clothing for the Minor Child, and shall remain due until E reaches eighteen years of age, or in the event that he is a full-time student, until he reaches twenty three years of age or until he is no longer a full-time student, according to which event occurs earlier. The maintenance payable shall increase every two years according to the index of the cost of living.*"

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba ta' l-attrici;

2. Tilqa' t-tieni talba; tordna t-terminazzjoni b'effett mill-21 ta' Mejju 2015 tal-obbligu tal-attrici li thallas lill-konvenut manteniment ghall-minuri;

3. Tilqa' t-tielet talba, tordna illi b'effett immedjat il-modalita' u frekwenza tal-access tal-issier versu l-minuri E D tkun skont kif ordnat taht l-instestatura "Access tal-Missier ghall-Minuri". Ghalhekk tordna li l-klawsola numru 2(iv) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Henri Vassallo tat-12 ta' April 2013 tigi emendata skont kif ordnat taht l-intestatura "*Access tal-Missier ghall-Minuri*";

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut sabiex b'effett mill-21 ta' Mejju 2015 ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri E D, is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar, liema somma ghandha tithallas skont kif ordnat supra taht l-intestatura "*Manteniment tal-Minuri*".

5. Tilqa' l-hames talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment hekk likwidat in virtu` tar-raba' talba;

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna li ssir emenda ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' April 2013 skont kif ordnat *supra* taht l-intestatura "*Manteniment tal-Minuri*".

7. Tinnomina lin-Nutar Dr Henri Vasallo sabiex jippubblika l-att korrettorju relattiv filwaqt li tinnomina lill-Avukat Dottor Mark Simiana sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez, inkluzi l-ispejjez notarili u l-ispejjez tal-kuratur ghall-kontumaci, jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u in kwantu ghal nofs mill-konvenut, filwaqt illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha tas-sessjonijiet ta' terapija professjonali li giet ordnata tattendi ghalihom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**